

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti jinvokaw sitt motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat, b'mod ġenerali, fuq il-fatt li d-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni la huma sostnuti mill-fatti u lanqas iġġustifikati fid-dritt.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li d-dikjarazzjoni li s-sistema ta' tassazzjoni kkonċernata hija t-taxxa fuq il-kumpanniji ma hijiex iġġustifikata fid-dritt.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni tonqos milli tieħu inkunsiderazzjoni prerogattivi tal-Istati Membri fil-qasam ta':
  - definizzjoni ta' attivitajiet mhux ekonomiċi;
  - definizzjoni tat-tassazzjoni diretta;
  - obbligu li jiġi żgurat il-funzjonament korrett ta' servizzi ta' interessa ġeneralis neċessarju għall-koeżjoni soċjali u ekonomika;
  - organizzazzjoni diskrezzjonali ta' servizzi ta' interessa ġeneralis.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-fatt li l-attivitajiet essenzjali tal-portijiet tal-Wallonne huma servizzi ta' interessa ġeneralis li ma humiex irregolati, skont il-leġiżlazzjoni Ewropea (Artikoli 93 u 106(2) TFUE), mir-regoli tal-kompetizzjoni tal-Artikolu 107 TFUE.
5. Il-ħames motiv, invokat b'mod sussidjarju, ibbażat fuq il-fatt li jekk l-attivitajiet essenzjali tal-portijiet interni tal-Wallonne jaqgħu taħt is-servizzi ta' interessa ekonomiku ġeneralis, huma jkunu rregolati mir-regoli tal-Artikoli 93 u 106 (2) TFUE u r-regoli tal-kompetizzjoni ma jkunux japplikaw għalihom.
6. Is-sitt motiv, invokat b'mod iktar sussidjarju, ibbażat fuq il-fatt li l-kriterji Ewropej għad-definizzjoni ta' ghajjnuna mill-Istat ma humiex issodisfatti.

---

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' Lulju 2015 – European Dynamics Luxembourg et vs L-Aġenzija Ewropea  
għall-Mediċini**

**(Kawża T-440/15)**

**(2015/C 337/32)**

**Lingwa tal-kawża: il-Grieg**

### Partijiet

**Rikorrenti:** European Dynamics Luxembourg SA (Lussemburgu, il-Lussemburgu), Evropaiki Dinamiki – Proigmena Sistimata Tilepikinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (Ateni, il-Greċja), European Dynamics Belgium SA (Brussell, il-Belġju)  
(rappreżentanti: I. Ambazis u M. Sfyri, avukati)

**Konvenuta:** L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitkolbu li l-Qorti Ĝeneralu jogħġo bħa:

- tannulla l-Formola ta' Talba għal Servizzi tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini Nru SC002, fil-kuntest tal-Ftehim Qafas EMA/2012/10/ICT, li ġie kkomunikat lir-rikorrenti fit-22 ta' Mejju 2015, permezz ta' posta elettronika mill-Kap tal-Unità Ċentrali tal-Provvisti; u
- tikkundanna lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għall-ispejjeż kollha tar-rikorrenti

**Motivi u argumenti prinċipali**

Fil-fehma tar-rikorrenti, il-Formola ta' Talba għal Servizzi kkontestata għandha tiġi annullata skont l-Artikolu 263 TFUE, għaliex l-EMA bidlet il-kriterji ta' qhoti li kienu stabbiliti fl-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi, u introduċet kriterji ġodda fl-istadju fejn tintbagħha il-formola ta' talba għas-servizzi ta' analisti tan-negozju (Business Analysts).

**Rikors ippreżentat fil-11 ta' Awwissu 2015 – Almashreq Investment Fund vs Il-Kunsill**

(Kawża T-463/15)

(2015/C 337/33)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Almashreq Investment Fund (Damas, is-Sirja) (rappreżentant: E. Ruchat, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

- tiddikjara r-rikors tar-rikorrenti ammissibbli u fondat;
- konsegwentement, tannulla d-Deċiżjoni (PESK) 2015/837, tat-28 ta' Mejju 2015, u l-atti ta' implementazzjoni sussegwenti tagħha, sa fejn dawn jikkonċernaw lir-rikorrenti;
- tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż tal-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikkors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-432/11, Makhlouf vs Il-Kunsill<sup>(1)</sup>.

<sup>(1)</sup> ĠU C 290, p. 13.